MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 2558/2000/1

**Sylvio u Anna konjugi Farrugia**

**vs**

**Anthony u Rita konjugi Hammett**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fl-4 ta’ Dicembru, 2000, li in forza taghha, wara li ppremettew :

Illi fis-14 ta' Gunju 2000 il-konvenuti kienu bieghu u kkonsenjaw liIl-konvenuti (sic) yacht tat-tip Motor Cruiser tad-ditta carver bl-isem "Seasport" ghandu Registrazzjoni Numru 4984 registrat Valletta Malta, u dana ghall-prezz bonarjament miftiehem ta' LM19,000 u bil-kundizzjonijiet miftiehma fl-iskrittura li kienet giet iffirmata bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 2000 li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A.;

Illi xi gimgha wara id-data tal-konsenja tal-yacht u fit-tieni okkazjoni Ii l-attur uza l-imsemmija yacht din zviluppat hsara fis-supercharger ta' wahda rnil-magni b'liema hsara l-attur informa immedjatament lill-konvenut Ii sal-Ium ghadu ma ghamel xejn biex jirrimedja l-imsemmija hsara;

Illi fid-12 ta' Awwissu tas-sena 2000 waqt Ii l-attur kien qed juza l-imsemmi yacht dan zviluppa hsara fil-gearbox ta' l-istess magna Ii taghha is-supercharger kien ukoll zviluppa hsara, u liema hsara fil-gearbox kienet ta' natura mil-aktar gravi tant li nkisru snien tal-gearijiet bir-rizultat Ii I-yacht kellu jinqalaghlu I-gearbox difettuza u l-hsara irrangata. B'dan il-fatt ukoll gie avzat il-konvenut appena saret il-hsara pero' il-konvenut rega' ghal darba ohra irrifjuta Ii jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat Ii kellhom jigu rrangati ghall-spejjez ta' l-attur;

Illi meta giet irrangata l-hsara fil-gearbox, hargu ukoll difetti fil-kumplament ta' l-istess magna kif jigi pprovat izjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dawn id-difetti jikkostitwixxu lkoll difetti latenti u minkejja I-fatt Ii l-konvenuti gew interpellati jaghmlu tajjeb ghal-ispejjes involuti biex jigu rrangati l-imsemmija difetti dawn baqghu inadempjenti;

Talbu li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi I-yacht fuq imsemmija mibjugha mill-konvenuti lill-atturi kif fuq intqal kienet kolpita minn difetti mohbija fil-mument Ii sar il-bejgh;
(2) Konsegwentement tillikwida dik il-bicca mill-prezz tad-daghjsa Ii tkun ekwivalenti ghal-ispiza Ii l-attur ser ikun kostrett ihallas sabiex isewwi l-imsemrnija hsarat u dana ai termini tal-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili;
(3) Tikkundanna lil-konvenuti ihallsu liI atturi dik is-somma Ii tigi hekk llikwidata;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li in forza taghhom huma eccepew :

1. Illi It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-allegat hsara li garbet il-motor cruiser bl-isem "Seasport";
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, iI-mortor cruiser in kwistjoni gie mibjugh u konsenjat liIl-atturi skond iI-ftehim akkordat bejn iI-partijiet datat 6 ta' Gunju, 2000 u skond iI-kondizzjonijiet patwiti;
3. Illi, minghajr pregudlzzju ghas-suespost, l-allegazzjoni da parte tal-atturi Ii I-motor cruiser kien kolpit minn difetti mohbija fil-mument tal-bejgh hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante Ii l-konvenuti kemm personalment kif wkoll permezz ta' terzi ispezzjonaw bir-reqqa I-motor cruiser kif wkoll pruvaw iI-magni;
4. IIIi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, I-konvenuti ma humiex responsabbli ghal dak Ii sehh lill-motorcruiser, lanqas ma ghandhom jigu kundanati ihallsu I-hsara, stante illi I-konvenuti stess b’agir irresponsabbli, minkejja Ii l-gear box tal-motorcruiser kienet ghada taht garanzija, madanakollu l-atturi qalew ii-gear box u ppruvaw issewwu l-hsara;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu, bi qbil mal-partijiet, hatret lil Paul Cardona bhala espert tekniku;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar 2002 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-espert tekniku Paul Cardona u hatret minfloku lil Martin Cassano bl-istess fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Jannar 2004 li permezz tieghu ordnat l-isfilz tar-rapport tal-perit tekniku Martin Cassano, ipprezentat dakinhar stess, u innominat lil Joe Amato bhala espert tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Amato, ippezentat u mahluf minnu waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2004;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta' Gunju 2000 il-konvenuti bieghu u ikkonsenjaw 'yacht' ta' tip motor cruiser tad-ditta 'Carver' bl-isem 'Sea Sport' Registrazzjoni numru 4984 lill-atturi ghall-prezz bonarjament miftiehem bejn il-partijiet ta' dsatax il-elf lira Maltin (LM19,000);

Illi effettivament giet esebita flimkien mac-citazzjoni skrittura iffirmata bejn il-partijiet fis-6 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha il-konvenut Anthony Hammett intrabat illi ibiegh lill-attur Silvio Farrugia l-imsemmi 'motor cruiser' ghall-prezz ta' dsatax il-elf lira Maltija (LM19,000) u meta giet iffirmata l-iskrittura l-attur hallas lill-konvenut ghaxra fil-mija tal-prezz, jigifieri l-ammont ta' elf u disa mitt lira Maltin (LM1,900).  Il-bilanc kellu jithallas mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2000.

Illi fil-fratemp l-attur kellu permezz tas-surveyor tieghu Paul Cardona jispezjona l-imsemmi 'yacht' u jiddeciedi jekk il-'hull' tal-'yacht' kienx fi stat tajjeb jew le.  Il-venditur iggarantixxa illi l-'hull' tal-'yacht' kien tajjeb u l-makkinarju inkluz il-magni u t-taghmir kollu abbord kienu fi stat tajjeb u illi kienu jahdmu sew.  L-'auto pilot' tal-'yacht' kien nieqes u il-venditur intrabat illi jirritornah jekk u meta isibu u fin-nuqqas kellu jixtri wiehed gdid u jikkonsenjah mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju, 2000.

Illi l-konvenut Anthony Hammett hareg ircevuta fl-10 ta' Gunju 2000 fis-sens illi kien irceva l-ammont kollu ta' dsatax il-elf lira (LM19,000) minghand l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-perit tekniku Joseph Amato ezamina is-'supercharger' tal-magna diesel tal-bahar u ezamina ukoll ir-'reversing gearbox' tal-bahar.

Illi fir-rapport tieghu is-Sur Amato qal illi huwa fetah il-'unit' fil-workshop tieghu u ikkonstata illi s-'supercharger' ghandu zewg 'rotors' immuntati wiehed fuq l-iehor, ibbilancjati u li dawn qeghdin merfughin minn bronzini li fuq naha wahda huma tat-tip maghluq 'self-lubricated'. Minn naha l-ohra opposta hemm sett ta' bronzini li qeghdin in-naha tal-ingranagg tat-tip 'specially lubricated' jigifieri dawn huma illubrikati minn zejt specjali li qieghed immuntat fuq naha wahda ta' l-istess 'supercharger'. Mandankollu is-'supercharger' ezaminat minn naha tal-gearijiet, fejn dana instab li kien f'kondizzjoni tajba, izda l-ezami li sar fuq ir-'rotors' irrizulta li kien hemm xi bicciet ta' fdalijiet 'foreign matter' ta' mettall imwahhal fil-materjal tar-'rotors' (composite material). Ir-'rotors' instabu li ghandhom hsara li jirrikjedu li l-istess 'rotors' jigiu kompletament zarmati minn 'service engineers' specjalizzati fuq dan it-tip ta' 'superchargers' u jinbidlu. L-espert tekniku ikkonkluda li f'dan l-ezami fuq l-istess 'supercharger' gie identifikat li din il-hsara imsemmija fejn dahal materjal ta' bicciet ta' metal fil-kompartiment tar-'rotors' ikkagunat din il-hsara fuq ir-'rotors' ghaliex u ghas-semplici raguni li fuq in-naha ta' l-intake tal-arja tal-makna, l-imsemmija makna hadmet minghajr illi il-filter kien fil-pozizzjoni, kif suppost soltu ikun immuntat fuq is-'suction intake' ta' l-istess makna. Kieku il-filter, li ried ikun il-propju tal-makna, kien fil-lok tas-'suction intake' meta il-makna kienet qeghda tahdem din il-hsara ma kienet qatt issir.

L-espert tekniku ezamina wkoll ir-'reversing gearbox' u qal illi wara illi ezaminaha sab illi l-hsara fiha kienet estensiva, tant li din l-imsemmija 'gearbox' kien hemm ksur kbir fix-

‘shafting’ u ingranagg, bronzini u ‘drive chain’ taghha. Hsara ukoll inkluz kienet il-‘housing’ ta’ din il-‘gearbox’. Din il-hsara giet spjegata fit-termini bl-Ingliz f’kopja annessa mal-istess rapport tal-Perit Tekniku. Il-perit tekniku kompla jghid illi madanakollu din il-‘gearbox’ ghandha ‘Oil Cooler’ immuntat fuqha li x-xoghol tieghu hu li ikessah iz-zejt ta’ l-istess ‘gearbox’. Dan l-‘Oil Cooler’ ghandu zewg ‘compartments’, wiehed minn fejn jghaddi l-ilma bahar minn gon-naha ta’ gewwa tat-tubi, u spazju iehor fejn iz-zejt idur ma l-istess tubi minn naha ta’ barra taghhom, b’hekk iz-zejt tal-‘gearbox’ ma jkollux ic-cans li jigi ‘overheated’. Wiehed irid ukoll izomm u jiftakar illi din il-‘gearbox’ tahdem bi pressjoni taz-zejt (hydraulic) qawwija ta’ ‘il fuq minn 200 bar, meta il-makna tkun qed tahdem, fejn il-pressjoni tan-naha tal-bahar (Cooling water) ma hiex iktar minn 2.0 bar. L-espert tekniku qal illi ghamel ‘test’ fejn minn naha ta’ fejn jghaddi iz-zejt imlieh bil-pitrolju (kerosene), kif soltu isir dan it-tip ta’ test u minn naha ta’ fejn jghaddi l-ilma bahar (Cooling Water) thalla vojt. Irrizulta li l-pitrolju wara xi hames minuti fegg minn naha ta’ fejn jghaddi l-ilma bahar. “Hekk hu mela jirrizulta li z-zewg kompartamenti li suppost huma kompletament separati minn xulxin, instabu li jillikjaw kemm naha u kemm minn l-ohra. L-imsemmi “Oil Cooler’ mela jigri li waqt li l-magna tkun qeghda tahdem u iz-zejt ikun taht pressjoni, dik ta’ 200 bar, dan iz-zejt jithallat u jintrema il-bahar, ghaliex l-‘Oil Cooler’ qieghed jillikja, filwaqt li l-imsemmija ‘gearbox’ sejra ukoll jigrielha l-hsara lill-partijiet minn nuqqas ta’ zejt waqt ix-xoghol. Haga ohra hi li meta il-makna ma tkunx qeghda tahdem, peress li l-‘Cooler’ qieghed ‘l isfel mill-livell ta’ ‘waterline’ fejn jilhaq l-ilma bahar minn fuq barra, allura hemm ic-cans kbir li l-ilma bahar isib, minn naha tal-‘Cooler’ li jidhol fis-sistema taz-zejt (hydraulic) u b’hekk jikkontamina lill-istess sistema taz-zejt. Fil-fatt hekk gara f’din il-‘gearbox’. Meta din il-‘gearbox’ terga tithaddem il-hsara aktar tiggrava billi l-ilma bahar ikkontaminat jikkaguna li l-istess ‘gearbox’ itella hsarat kbar (overheating) kif ukoll ma jkun hemm ebda lubrifikazzjoni tal-‘parts’ u lanqas pressjoni ta’ zejt.”

Illi ghalhekk l-espert tekniku ikkonkluda li l-hsara li saret f'din il-'gearbox' kienet ikkagunata mid-diffett li kellu l-'Oil Cooler' fejn dan kien li z-zejt thallat mal-ilma bahar.

Illi fil-kopja esebita flimkien ma dan ir-rapport fil-lingwa Ingliza a fol. 48 tal-process l-espert tekniku ikkonkluda kif gej :

"It is the undersigned surveyor's concluding verdict that the damage was definitely caused by the leaking cooler as explained in the aforementioned paragraph. If the cooler would have been tested before the reversing gearbox was put into operation and the leakage diagnosed, this damage to the reversing gearbox would not have taken place."

Ikkunsidrat :

Illi xehed f'dawn il-proceduri l-espert tekniku Joseph Amato. Huwa ikkonferma illi d-difetti li huwa qal illi kien hemm ghar-rigward tal-mutur kienu difetti mohbija u dana peress illi d-difett ma kienx proprjament fil-'gearbox' izda kien fil-cooler ta' l-istess 'gearbox'. Huwa xehed illi min wahhal il-'gearbox' kellu qabel jittestja il-'cooler' u fil-fatt irrizultalu li dan it-testing ma kienx sar. L-espert ipprezenta wkoll zewg dokumenti li jindikaw l-ispiza li trid issir biex jissewwew dawn id-difetti u dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati ABC 1 u ABC 2. Huwa ikkonferma li dawn iz-zewg dokumenti jirrelataw ghal tiswijiet differenti u ghalhekk jghid li l-ispiza kollha titla ghal madwar hames telef lira (LM5,000), cioe' dak li hemm indikat fid-dokument ABC 1 biz-zieda ta' dak li hemm indikat fid-dokument ABC 2. Huwa ikkonferma wkoll li Malta hawn min jaghmel dawn it-tiswijiet. Ghar-rigward tad-difetti fis-supercharger huwa xehed li dawn kienu dovuti ghall-'filter' li jew ma kienx hemm 'filter' jew inkella l-'filter' li kien hemm ma kienx qed jahdem sew. Huwa xehed b'dan il-mod peress illi qal illi huwa il-'filter' ma rahx. Meta ghamel it-'testing' dwar il-'gearbox' irrizultalu illi z-zejt kien qed jigi ikkontaminat bl-ilma bahar u dana peress li kien hemm 'leakage', u dan id-difett wiehed ma setghax jinduna bih meta wiehed jezamina

semplicement bil-vista l-'gearbox'. Wiehed kellu jaghmel dak it-testing li ghamel hu biex jirrizultalu dawn id-difetti. L-espert kompla jixhed illi l-'gearbox' kienet gdida u l-makna huwa ma rahiex shiha. Fil-fatt kellha l-partijiet taghha zarmati, b'mod partikolari l-'gearbox' u anke l-'cooler'. Huwa minn naha tieghu zarmahom ukoll biex setgha jaghmel ir-rapport. Huwa kompla jixhed illi biex setgha jezamina dawn il-partijiet bil-fors kell;u izarmahhom minn mal-magna. Huwa xehed ukoll illi bid-diffetti li sab il-magna ma kienitx tahdem u ghalhekk jghid li wiehed ma setghax johrog fuq il-bahar bil-magna kif kienet. Huwa kompla jixhed illi bil-magna kif kienet meta huwa ezamina il-'gearbox' u s-'supercharger' wiehed ma jistax juzaha biex johrog bil-'boat' fuq il-bahar. Ikkonferma li fl-istat li kienu dawn il-'parts' li semma meta huwa ezaminahom wiehed zgur ma setghax juzahom u zgur li ma setghax juzahhom biex johrog fuq il-bahar bil-'cabin cruiser'. Fuq domanda tal-Qorti huwa xehed li ma jeskludix li setgha kien li ezamina 'gearbox' ohra, cioe' mhux dik li kienet mal-magna fuq il-'cabin cruiser' in kwistjoni, izda xehed ukoll li meta huwa mar ghal dawn il-partijiet minghand l-attur, l-attur kien qallu li qalghahhom mill-magna in kwistjoni. Huwa xehed illi dawn huma "hydraulic gear boxes" li huma komuni hafna.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi huwa kien ra l-'cabin cruiser' in kwistjoni u li kienet ghogbitu, ippruvaha, tellghahha l-art sabiex jaraha minn taht u meta xtraha il-bejjiegh qallu li kellha 'gearbox' gdida, shaftijiet u scrun godda u dana peress li kien laqghathom minn taht. L-attur xehed illi l-'cabin cruiser' kienu telghuha l-art u dakinhar il-konvenut Anthony Hammett kien gab il-'mechanic' tieghu, gabu mieghu biex jurih l-affarijiet. L-attur kompla jixhed illi meta marru biex itellghu id-dghajsa din ma startjatx u kellu imur jixtri batterija ghaliex kellha l-'battery chargers' bil-hsara. Xtara batterija, startjat, haduha ghand Cassar Repair Yard u telghuha l-art hemmhekk sa kemm gie is-'surveyor' u peress illi s-'surveyor' dam biex gie il-'mechanic' tal-konvenut qaghad jurih xi affarijiet, per ezempju fejn hu z-zejt tal-magna, fejn hu z-zejt tal-'gearbox' etc. Fl-ahhar

iddecieda li jixtriha. L-attur kompla jixhed illi sabu illi l-‘air cleaner’ tal-magna tax-xellug kien nieqes mill-magna u fl-ahhar sabuh u qeghduh f’postu. Umbaghad gie is-‘surveyor’ u qal illi ma kienx hemm daqqiet fil-‘hull’ u li kien jidher illi l-‘gearbox’ kellu jinbidel. Is-‘surveyor’ kien qabdu hu u kien certu Paul Cardona. Wara illi s-‘surveyor’ ezamina il-‘hull’ tal-‘cabin cruiser’ nizluha l-bahar. L-attur xehed illi huwa dilettant tal-bahar u qaghad innaddaf il-‘boat’ idur mal-affarijiet ghaliex huwa kellu mohhu mistrieh illi kellha kollox gdid u l-ewwel darba li kien ser johrog biha kif taha l-gas sema hoss kbir, ipprova jitfi il-magni, u magna minnhom lanqas riedet tintefa. Minn hemm u minn hawn ghalqilha il-‘fuel’ u intfiet. L-attur kompla jixhed li umbaghad fetah u sab bicciet tac-cineg maqtughin, miksurin, covers imtajjrin u skoprew li kien gara xi haga fis-‘supercharger’. L-attur xehed illi din il-hsara ma kienitx hemm qabel. L-attur kompla jixhed illi huwa meta xtara d-dghajsa ma kellux il-‘cover’ tal-‘air cleaner’. L-‘air cleaner’ hija haga goffa u huma kull ma ghamlu kien t-tapp biss. Kien hemm affarijiet hemm gew li huma ma setghux jarawh sa kemm ma izarmax il-bicciet kollha barra. Ghamlulu l-‘cover’ u gara li gara kif taha l-gas biex tibda timxi d-dghajsa.

L-attur ikkonferma illi huwa kellu isuq id-dghajsa mill-Marsa ghall-Imsida u ghalhekk gie mistoqsi fid-dawl tal-fatt illi l-espert tekniku qal illi l-magna qatt ma setghat tahdem kif irnexxielu jistartjaha u huwa xehed illi li gara kien illi s-‘supercharger’ jahdem meta inti taghti l-gas u huwa peress li kien fil-port ma setghax jaghti speed ta’ aktar minn ten knots u ghalhekk is-‘supercharger’ ma kienx hadem. L-attur kompla jixhed illi l-konvenut ma kienx qallu illi l-magna kienet gdida u ghadha bil-garanzija. Kien qallu illi l-‘gearbox’ kienet gdida, izda skond hu il-konvenut ma kienx qallu li l-‘gearbox’ kienet ghadha bil-garanzija, imma ghamillu tajjeb hu ghax qallu li kollox gdid. L-attur kompla jixhed illi eventwalment kellu jaqla l-magna minn postha biex jaraw xi hsara kien hemm ghaliex il-hsara tal-‘gearbox’ grat wara l-hsara tas-‘supercharger’. L-attur xehed ukoll illi huwa ipprova jikkuntattja lill-konvenut, ipprova jiftiehem mieghu hin sabiex ikunu jistghu jaqalghu il-magna flimkien u dan ghal

darba, tnejn, tlieta, izda ma setghux jiftehmu. Hu ra illi l-konvenut ma kienx qieghed jinteressa ruhu, ghalhekk iddecieda li jaqla l-magna minn postha biex jara xi hsarat kellha. L-attur ikkonferma illi huwa ipprova isewwi din il-magna hu, mhux ezattament hu izda qabbad lill-kumpannija Jetglass. L-attur xehed illi l-magna halliha ghand tal-Jetglass u l-'gearbox' ma setghax issib 'spare parts' ghaliha. Cempel lill-konvenut illi qatalu fil-qasir u qallu "jekk trid fittixni." Ghalhekk huwa ha l-'gearbox' Sqallija, izda ra li ma setghax issewwiha ghaliex l-ispare parts kienu jiswew izjed mill-'gearbox' innifisha u l-attur, fuq domandi li sarulu, wiegeb illi huwa Sqallija kien ha l-'gearbox' biss u mhux il-magna kollha. Huwa qal ukoll illi d-dghajsa kellha zewg magni ghalhekk huwa baqa juzaha b'magna wahda biss. Dwar il-magna li ma kienitx qeghda tahdem l-attur xehed illi kellha l-'gearbox' u s-'supercharger' bil-hsara.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi huwa meta biegh id-dghajsa in kwistjoni lill-attur tah skont tat-tmenin fil-mija tal-prezz orginali. Huwa xehed illi qabel kellu l-hsara fil-'gearbox' u l-'gearbox' kien biddlu u ghamlu gdid bil-garanzija minghand l-agent tar-Rabat, bil-kundizzjoni li jekk jinqala xi haga fil-gearbox irid jispezzjonah l-agent innifsu u hadd izjed. Huwa kompla jixhed illi huwa kien baghat il-'mechanic' tieghu biex juri b'kollox lill-attur u skond hu il-'mechanic' kien avza lill-attur illi l-'gearbox' kien bil-hsara u li jekk jinqala xi haga irid jehodha ghand l-agent ir-Rabat, certu Leonardo ta' Indemar. Il-konvenut kompla jixhed illi l-agent stess kien kellem lill-attur u kien qallu biex ma jiftahx il-'gearbox' hu ghaliex il-'gearbox' setgha jiftaha biss hu, jigifieri l-agent. Mistoqsi, l-konvenut wiegeb illi l-attur kien qallu illi kellu l-hsara fid-dghajsa xi xahar wara li kien xtraha minghandu u hu, jigifieri l-konvenut, kien baghat lill-attur ghand il-'mechanic' tieghu, certu Vince. Il-konvenut xehed illi qal lill-attur biex ihalli il-'gearbox' f'idejn ta' Indemar tar-Rabat, ghax dik bil-garanzija u suppost isewwuha huma.

Illi aktar tard fix-xiehda tieghu il-konvenut xehed illi kien biegh il-‘boat’ in kwistjoni lill-attur ghal “one fifth” mill-valur originali taghha u ghalhekk ikkorrega x-xhieda precedenti tieghu f’dan is-sens. Il-konvenut rega’ xehed illi meta baghat lill-‘mechanic’ tieghu mal-attur sabiex jispezjonaw il-magni tal-‘boat’ huwa ma kienx prezenti. Il-konvenut kompla jixhed illi darba minnhom ra lill-attur bid-dghajsa il-Mellieha, izda ma ftakarx ezatt kemm wara li kien bieghlu d-dghajsa u mistoqsi wiegeb li ma kienx jaf jekk l-attur kienx qieghed juza d-dghajsa b’mutur wiehed jew le u lanqas tant kien jimpurtah ghaliex huwa kien bieghhielu ‘second hand’. Il-konvenut ikkonferma illi missier l-attur kien avvicinah qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna u kien talbu sabiex ihallas lill-attur ghall-hsarat li kellu fil-‘boat’. Huwa xehed illi huwa kien wiegbu li ma kienx dispost li jhallas xejn ghaliex il-‘boat’ huwa kien biegha ‘second hand’ u kien anke baghatlu l-‘mechanic’. Huwa xehed ukoll illi minkejja li ma kienx jaf illi kien hemm hsara fil-‘gearbox’ kien avza lill-attur u kien qallu biex ma jiftahx il-‘gearbox’ ghaliex dik suppost jiftaha Leonardo Bugeja, l-agent u hadd aktar.
Ikkunsidrat :

Illi xehed Vincent Vella, il-mekkanik tal-konvenut. Ix-xhud ikkonferma illi darba kien biddel il-‘gearbox’ tal-‘boat’ in kwistjoni meta din kienet ghadha proprjeta tal-konvenut. Fix-xhieda tieghu s-Sur Vella xehed illi huwa qatt ma iltaqa mal-attur qabel mal-attur xtara id-dghajsa. Iltaqa mieghu wara li kien sar il-bejgh in kwistjoni. Ix-xhud qal illi l-‘gearbox’ gdida kien wahhalha hu. Huwa ftakar illi kien tkellem mal-attur fuq il-kundizzjoni tad-dghajsa u li iltaqa mal-attur darba wahda biss meta inqalghet il-hsara fid-dghajsa u sar jaf li kienet inkissret il-‘gearbox’ tal-magna tad-dghajsa. Is-Sur Vince Vella kompla jixhed illi l-attur kien gablu xi dokumenti minn Sqallija u ghalhekk huwa sar jaf illi l-attur kien fetah il-‘gearbox’ wahdu minghajr ma kien qal lilu qabel u hu kien qallu li peress illi l-‘gearbox’ kellha l-garanzija wiehed ried jikteb lill-fabbrika qabel ma tiftahha u jigi bniedem awtorizzat mill-fabbrika u jiftahha hu. Mistoqsi jekk jafx illi l-hsara ma bdietx mill-‘gearbox’, izda bdiet mis-‘supercharger’, Vince Vella xehed li ma jaf xejn b’dan, jaf li staqsew lill-fabbrika u l-fabbrika kienet

infurmathom li l-garanzija ma kienitx ghadha valida peress ill il-‘gearbox’ ma kienitx infethet minn xi hadd awtorizzat minnhom. Mistoqsi s-Sur Vella xehed illi ma jafx ghalfejn inqalghet il-hsara fil-‘gearbox’, izda xehed bhala mekkanik illi hsara fil-‘gearbox’ tista issir anke jekk il-‘gearbox’ ma jkollha xejn hazin, izda ikun hemm xi haga ohra fil-magna li tkun qeghda tiffunzjona hazin u tkisser il-‘gearbox’, bhal per ezempju jekk ikun hemm z-zejt tal-‘gearbox’ u minflok zejt jibda jidhol l-ilma u dan anke jekk il-‘gearbox’ tkun ghadha gdida fjamanta u ma jkollha l-ebda difett.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-ftehim illi sar bejn il-partijiet dwar ix-xiri ta’ din il-‘boat’ jirrizulta illi tapplika l-Ligi Civili fis-sens illi jekk jirrizulta xi diffett mohbi irid jirrispondi ghaliha il-bejjiegh u x-xerrej ghandu l-ghazla illi jew jirrifjutaha u jiehu l-prezz lura flimkien mad-danni jew inkella jistitwixxi kawza bhal kawza odjerna fejn jitlob dimunizzjoni tal-prezz ekwivalenti ghad-danni illi jrid jinkorri sabiex issewwi l-hsarat.

Illi d-difiza tal-konvenuti hija fis-sens illi l-attur qatt ma messu qala l-‘gearbox’ hu, izda messu halla f’idejn il-mekkanik tal-konvenut u dana meta kien jaf illi l-‘gearbox’ kienet bil-garanzija, kif ukoll illi l-attur l-ewwel jghid illi sewwa l-‘gearbox’, umbaghad jghid illi regghu hargulha d-difetti u ghalhekk il-konvenuti jikkontendu illi kien l-attur stess illi ikkaguna l-hsarat fil-‘gearbox’ in kwistjoni, jew ghax sewwiha hazin, jew inkella ghaliex kienet bil-hsara u baqa’ juzaha.

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi fid-dikjarazzjoni taghhom qalu illi xi gimgha wara d-data tal-konsenja tal-‘yacht’ u fit-tieni okkazzjoni li giet uzatha mill-attur zviluppat hsara fis-‘supercharger’ ta’ wahda mill-magni. L-attur mal-ewwel informa lill-konvenut li baqa’ ma ghamel xejn biex jirrimedja din il-hsara. Ftit wara meta l-attur kien qed juza l-imsemmi ‘yacht’ zvillupat hsara fil-‘gearbox’ ta’ l-istess magna li taghha s-‘supercharger’ kien ukoll zviluppa hsara u liema hsara fil-

'gearbox' kienet ta' natura mill-aktar gravi tant li inkissru s-snien tal-gearijiet bir-rizultat illi kellu jinqala l-'gearbox' difettuz u tittranga l-hsara. B'dan il-fatt gie ukoll avzat il-konvenut appena saret il-hsara, izda dan ghal darba ohra rega' irrifjuta illi jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat. Meta trangat ukoll il-hsara fil-'gearbox' hargu wkoll difetti fil-kumplament ta' l-istess magna.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur qal illi meta ezaminaw il-'boat' kien hemm prezenti il-mekkanik tal-konvenut u kien hemm ukoll is-'surveyor' imqabbad mill-istess attur. Il-'boat' giet ezaminata minn taht, umbaghad tnizzlet il-bahar. L-attur xehed illi l-konvenut fl-ebda stadju u fl-ebda hin ma qallu li l-magna kienet gdida u li kienet bil-garanzija. Dwar il-'gearbox' qallu li kienet gdida, izda ma qallu xejn dwar garanzija u lanqas ma qallu illi ma setghax jaqla l-'gearbox' qabel ma jinforma minn qabel lill-mekkanik tieghu, jew lil min kien bieghlu l-'gearbox'.

Illi l-attur xehed ukoll u baqa konsistenti fix-xhieda tieghu fis-sens illi meta baqa juza l-'boat' huwa uzaha bil-magna t-tajba. Dwar il-magna il-hazina huwa xehed illi kien halliha ghand il-kumpannija Jetglass, kien qala' il-'gearbox' u mar biha Sqallija biex jipprova issewwiha, izda qalulu li kien impossibli ghaliex biex isewwiha u jixtrilha l-ispare parts kienet ser tigih aktar gholja milli jixtri 'gearbox' gdida.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut xehed illi l-mekkanik tieghu Vince kien iltaqa mal-attur qabel ma hu, jigifieri l-konvenut, kien bieghlu d-dghajsa. Izda l-istess mekkanik tal-konvenut giddeb lill-konvenut f'dan is-sens meta xehed illi l-ewwel darba li iltaqa mal-attur kienet wara illi l-attur kien xtara d-dghajsa in kwistjoni u mhux qabel. Il-konvenut ikkonferma illi meta sar jaf minghand missier l-attur illi kien hemm xi hsarat fid-dghajsa huwa kien irrifjuta li jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat, qal li ma jimpurtahx ghaliex huwa kien biegh id-dghajsa 'second hand' u ghalhekk skond hu ma kienx responsabbli ghal hsarat. Kull ma ghamel kien illi kien baghatlu l-mekkanik tieghu Vince.

Illi l-konvenut l-ewwel xehed illi kien ta skont lill-attur ta' tmenin fil-mija, izda wara xehed illi kien bieghhielu "ghal one fifth of the price." Huwa xehed illi huwa jinsa u ma tantx jaghti kaz ta' prezzijiet u ta' flus.

Ikkunsidrat :

Illi Vince Vella li xehed illi iltaqa darba wahda biss mal-konvenut, xehed illi huwa kien qal lill-konvenut li ma setghax jiftah il-'gearbox' peress li din kienet taht garanzija wara illi l-istess attur kien diga fetah il-'gearbox' u hadha Sqallija u mhux qabel.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 1424 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej :

"Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom."

L-Artikolu 1425 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :

"Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu."

L-Artikolu 1426 jghid :

" Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-kaz m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija."

L-Artikolu 1427 jghid hekk :

"Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi 'l

quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti."

Illi f'dan il-kaz l-atturi qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artikolu 1424 tal-Kap. 16, kif ukoll fuq l-Artikoli 1426 u 1427 tal-Kap. 16. Fil-kaz odjern l-atturi ma uzawx l-azzjoni redibitorja, izda uzaw l-azzjoni stimatorja, cioe' li izommu l-haga u jitolbu lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti wara li ezaminat sew ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Amato tiddikjara li taqbel mal-konkluzzjonijiet li ghalihom wasal l-imsemmi perit tekniku u ghalhekk qeghda taddotta r-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi fix-xhieda tieghu Joseph Amato il-perit tekniku ikkonferma illi d-difetti li huwa semma li hemm fir-rigward tal-mutur in kwistjoni kienu difetti mohbija peress illi d-difett ma kienx proprjament fil-'gearbox' izda kien fil-cooler ta' l-istess 'gearbox'. Irrizulta ukoll lill-perit tekniku li min wahhal il-'gearbox' ma ittestjax qabel il-'cooler'. Meta ghamel it-testijiet li kellu jaghmel irrizultalu illi z-zejt kien qed jigi ikkontaminat bl-ilma bahar peress illi kien hemm 'leakage', u dan id-difett wiehed ma setghax jinduna bih meta wiehed jezamina biss bil-vista l-'gearbox'. Sabiex jaghmel it-testing illi huwa ghamel kellu bil-fors izarma il-partijiet mill-magna u bid-difetti li sab ikkonkluda illi il-magna ma kienitx tahdem u ghalhekk wiehed ma jistax johrog fuq il-bahar bil-magna kif kienet.

Ikkunsidrat :

Illi a skorta ta' sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Charles Dimech vs Susan Margaret Earle noe" tal-10 ta' Dicembru, 1993 biex ikun hemm lok ghall-azzjoni estimatorja kontemplata fil-Kodici Civili jehtieg illi d-difett mohbi ikun ta' certa gravita relattivament ghall-haga

mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha. Il-Qorti trid tkun sodisfatta illi d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur tal-oggett mixtri, illi li kieku l-attur kien jaf bih jew ma kienx jixtrih, jew inkella kien joffri prezz anqas.

Illi f'dan il-kaz kienet saret ukoll referenza ghall-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Civili fil-kawza fl-ismijiet "Vincenza Scicluna vs George Azzopardi noe" (Vol. XL111, P.1, p. 317).

Illi fil-kaz odjern fuq l-iskorta ta' dak deciz fis-sentenzi iccitati u fic-cirkostanzi ukoll tal-kaz attwali il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi li kienu l-atturi kienu jafu bid-difett fil-magna tad-dghajsa xorta wahda kienu jixtru d-dghajsa, izda certament ma kienux joffru u jhallsu dak il-prezz illi fil-fatt hallsu u cioe' ta' dsatax il-elf lira Maltin (LM19,000).

Ikkunsidrat :

Illi skond l-imsemmi perit tekniku sabiex jittrangaw id-difetti mohbija in kwistjoni tenhtieg spiza ta' erba telef disa mija u disa u disghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (LM4,999.73), ekwivalenti ghal hdax il-elf sitt mija sitta u erbghin Euro u erba u ghoxrin Euro centezmi (€11,646.24).

Ikkunsidrat :

Illi tenut kont ta' l-ispejjez involuti sabiex titranga il-hsara u l-prezz attwalment imhallas, il-Qorti jidhrilha illi l-atturi kienu joffru il-prezz ta' tnejn u tletin elf sitt mija u hdax il-Euro u hamsa u tmenin centezmi tal-Euro (€32,611.85) li kieku kienu jafu bid-difetti in kwistjoni meta xtraw id-dghajsa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi, prevja illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa t-talbiet kollha ta' l-atturi u ghal dak li jirrigwarda it-tieni talba attrici tillikwida dik il-bicca mill-prezz tad-dghajsa li tkun ekwivalenti ghall-ispiza li l-atturi huma kostretti ihallsu sabiex isewwu l-imsemmija hsarat fis-somma ta' hdax il-elf sitt mija sitta u erbghin Euro u erba u ghoxrin Euro

centezmi (€11,646.24) u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata ta' hdax il-elf sitt mija sitta u erbghin Euro u erba u ghoxrin Euro centezmi (€11,646.24).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------